## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **410/2022 (AD)**

## EMANUEL DELIA (KI 560176M)

**VS**

## AVUKAT TAL-ISTAT U RAPHAEL VASSALLO (KI 265471M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sitta (6) t'Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar allegata leżjoni tad-dritt tar-rikorrent għal-liberta' tal-espressjoni kif protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, inkorporata f'Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ġunju 2022;

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat tnejn (2) t'Awwissu 2022, ir-rikorrent **Emanuel Delia** ippremetta:

   a. *Illi r-rikorrent huwa l-awtur tal-blog li jġib l-isem "Truth be told" ippubblikat fuq is-sit elettroniku www.manueldelia.com liema blog ilu mwaqqaf sa mis-sena 2017 u li permezz tiegħu r-rikorrent ta' kuljum jesprimi l-fehmiet u l-opinjonijiet tiegħu u jagħmel analiżi ta' ġrajjiet kurrenti u ta' kwistjonijiet ta' interess pubbliku;*

   b. *Illi r-rikorrent, bħala awtur tal-istess blog u sid tas-sit elettroniku www.manueldelia.com huwa ukoll attivist li flimkien ma' għaqdiet oħra tas-soċjetà ċivili jaħdem għat-tisħiħ tad-demokrazija, s-saltna tad-dritt, politika li titwettaq fl-interess pubbliku, kontra l-korruzzjoni u l-abbuż ta' poter u għall-ġustizzja ma' Daphne Caruana Galizia wara l-assassinju tagħha u għall-korruzzjoni u attivitajiet kriminali oħra fl-ogħla livelli tal-Gvern, illi l-istess ġurnalista kienet irrappurtat dwarhom;*

   c. *Illi l-intimat Raphael Vassallo huwa awtur u kontributur frekwenti ta' artikoli li jesprimu l-fehmiet, l-opinjonijiet u l-analiżi tiegħu ta' ġrajjiet kurrenti u ta' kwistjonijiet ta' interess pubbliku u l-kontribuzzjonijiet tiegħu huma ppubblikati bħala wieħed mill-blogs fuq il-gazzetta MaltaToday u n-newsportal tagħha www.maltatoday.com.mt;*

   d. *Illi fis-7 ta' Frar 2019 l-intimat Vassallo ppubblika artiklu bl-isem "Freedom of expression also means the freedom to talk out of your ass" liema artiklu ġie mtella' fuq il-portal www.maltatoday.com.mt fit-tmienja u żewġ minuti ta' filgħodu hekk kif jidher mid-dokument hawn anness bħala Dokument "ED1";*

   e. *Illi fost l-argumenti li l-artiklu tal-intimat jagħmel jinkludu l-analiżi tiegħu tal-livell ta' libertà ta' espressjoni f'Malta fejn jindika li dan huwa wieħed mill-kunċetti l-aktar mhux mifhum fl-univers, jirreferi għal dawk li*

*kostantament jilmentaw li l-libertà tal-espressjoni ġiet mittiekla f'Malta fl-aħħar għaxar snin bħala dawk li kostantament jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-libertà tal-espressjoni, jitkellem dwar l-ipokrezija ta' dawk li liberament jilmentaw u jgergru mingħajr ma jiffaċċjaw l-ebda riperkussjonijiet, jagħmel riferenza għal tibdil fil-liġijiet li jiffaċilitaw l-espressjoni, jistaqsi jekk il-ġurnalisti Maltin illum għandhomx aktar libertà milli kellhom fis-sena 2015, jgħid li kellu sbatax-il libell kriminali kontra tiegħu iżda ma kellux lil dawk 'born-again freedom of speech crusaders' jappoġġjawh, jikritika lil dawk li jġibu bħala eżempju ta' ċensura mill-Istat il-kawżi mibdija minn Joseph Muscat kontra Daphne Caruana Galizia u wara l-mewt tagħha kontra l-eredi tagħha, ikompli jżid li wħud aktar irraġjonevoli minn oħrajn jindikaw l-assassinju nnifsu bħal li kieku il-bomba tqegħdet taħt il-karozza tagħha direttament mill-Istat flok minn tlett kriminali magħrufa b'kuntatti esteri u li qegħdin jiffaċċjaw akkużi fil-qorti;*

f. *Illi r-rikorrent fit-28 ta' Ottubru 2019 ippubblika artikolu fuq is-sit* <u>*www.manueldelia.com*</u> *intitolat «Long Read: 416 bis" imtella' taħt il-blog bl-isem 'Truth be told' fid-disgħa u tminn minuti ta' filgħodu, hawn anness bħala Dokument "ED 2";*

g. *Illi fost l-argumenti li l-artiklu tar-rikorrent jagħmel jinkludu l-analiżi tiegħu taċ-ċirkostanzi u l-karattru tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia; jgħid li dan l-artiklu huwa l-analiżi tieghu tal-proċess tal-assassinju ta' Caruana Galizia u jgħid li l-argument tiegħu huwa li dan mhux proċess ordinarju ta' assassinju u għalhekk ir-rinunzja ta' avukat tal-patroċinju ta' wieħed mill-akkużati ma tistax tittieħed 'at face value'. Huwa jkompli jibni l-argument tiegħu li dan mhux proċess ordinarju billi jagħmel riferenza għall-artiklu miktub mill-intimat Vassallo u jispjega kif huwa fehem dak l-artiklu. L-argument tar-rikorrent jorbot ir-riżenja tal-avukat, il-fatt li wieħed mill-akkużati sar xhud għall-prosekuzzjoni, in-natura tal-proċess kif kien qiegħed jiżvolġi u kwistjonijiet oħra li kienu fil-pubbliku u jasal għall-konklużjoni li dan il-proċess għandu l-karattru ta' proċess kontra organizzazzjoni mafjuża. Huwa jirriferi għall-artiklu*

*tal-intimat Vassallo u jgħid li a bażi ta' dak l-artiklu, Vassallo qatt ma huwa se jara dan il-każ bħala każ mafjuż għaliex huwa kien iddikjara li dan il-każ huwa sempliċiment proċess dwar kriminali magħrufa li għandhom kuntatti barra minn Malta. Ir-rikorrent jagħti analiżi tiegħu tal-liġi Taljana dwar il-kunċett ta' 'criminal conspiracy' u dwar kif din il-liġi tinkorpora wkoll rikonoxximent tal-intimidazzjoni li titwettaq minn dik l-organizzazzjoni, dwar kif din il-liġi ġiet fis-seħħ wara li nqatlu uffiċċjali tal-Istat illi kienu waqfu aċċess lill-mafjużi għal kuntratti pubbliċi. Huwa jxebbah dan għas-sitwazzjoni f'Malta u jindika kif l-omertà fil-liġi Taljana hija rikonoxxuta bħala forma ta' kompliċità taċita li tgħin lill-mafja taħrab mill-ġustizzja u li jikkumenta li l-opinjoni li esprima Vassallo, jew mingħajr ma nduna hu stess, jew forsi għax għażel hekk, tqiegħed lil Vassallo bħala parti li tgħin lil dik il-kospirazzjoni mafjuża billi tkompli tferrex il-ħrafa li l-arrest u l-punizzjoni ta' min qiegħed il-bomba lil Daphne Caruana Galizia hija biżżejjed biex tirriżolvi reat bħal dan; ir-rikorrent ikompli bl-analiżi tiegħu dwar il-karattru tal-assassinju ta' Caruana Galizia, kwistjonijiet politiċi u ta' amministrazzjoni tal-Istat, l-opinjoni li tali reat jieqaf mal-akkuża ta' dawk li wettqu r-reat b'mod dirett u kif dan kollu jinkwadra ruħu fil-parametri tal-liġi Taljana;*

h. *Illi fl-1 ta' Novembru 2019 l-intimat Vassallo ħarrek lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u talab lil dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha ssib li r-rikorrent immalafamah skont l-artiklu 3 et seq tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lir-rikorrent iħallas lil Vassallo somma likwidata minn dik il-Qorti;*

i. *Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta' Novembru 2021 dik il-Qorti wara li kkunsidrat każistika estensiva, l-artikli in kwistjoni u l-provi mressqa quddiemha, ddeċidiet billi ċaħdet it-talbiet tal-attur Vassallo u waslet għall-konklużjoni segwenti:*

> *"**Il-Qorti tikkunsidra illi l-jedd li wieħed jesprimi l-opinjoni tiegħu fuq materji ta' interess pubbliku, bħalma huwa bla dubju l-każ tal-assassinju ta'***

***Daphne Caruana Galizia, huwa ta' importanza vitali għas-saltna tad-dritt u bħala wieħed mill-prinċipji fondamentali tal-espressjoni libera****. Kemm hu hekk, id-difiżi bħalma huma dawk tal-kumment ġust u llum tal-opinjoni onesta, huma intiżi tabilħaqq biex jippromwovu espressjoni vigoruża tal-fehmiet u dan biex "a critic need not be mealy-mouthed in denouncing what he disagrees with .... (but rather is) entitled to dip his pen in gall for the purposes of legitimate criticism."*

*Minn din il-perspettiva, il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, hi tajba.*

*F'dan il-każ, għar-raġunijiet kollha fuq kunsidrati, il-Qorti ma taqbilx li l-istqarrijiet impunjati mill-attur huma diffamatorji u ma tirravviżax lanqas l-estremi tal-kriterju ta' ħsara serja għar-reputazzjoni tal-attur. Konformement, tqis illi l-azzjoni tiegħu ma tistax tirnexxi.*

***Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, qiegħda tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż."*** *(Dokument 'ED3')*

j. *Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-22 ta' Novembru 2021 l-intimat Vassallo appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u talab lil dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar id-deċiżjoni tal- Qorti tal-Maġistrati (Malta) u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' Delia, tilqa' t-talbiet tiegħu;*

k. *Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ħassret id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u kkonkludiet:*

*“**Decide***

***Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu u tħassar is-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat u tilqa’ t-talbiet tal-appellant, u tillikwida d-danni morali li għandhom jitħallsu lill-istess appellant mingħand l-appellat, fis-somma ta’ €1,000 (elf Euro).***

***L-ispejjeż tal-ewwel istanza u dawk tal-appell odjern, għandhom ikunu a karigu tal-appellat.”*** *(Dokument ‘ED4’)*

l. *Illi d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tiżviluppa l-kunsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha fil-forma ta’ analiżi kritika tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn tindika kif il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma taqbilx mal-Ewwel Qorti;*

m. *Illi l-proċeduri odjerni ma humiex qegħdin jiġu ppreżentati bħala xi forma ta’ appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iżda qegħdin jiġu ppreżentati għaliex id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tikkozza mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni protett f’Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea li hija parti mill-liġi ta’ Malta permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u mal-Artiklu 41 tal-Kostituzzzjoni ta’ Malta;*

n. *Illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tikkostitwixxi interferenza mat-tħaddim tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tali interferenza mhux ġustifikata, mhux meħtieġa f’soċjetà demokratika, mhux raġjonevoli, u ma tipproteġi l-ebda ‘pressing social need’;*

o. *Illi kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat Vassallo huma t-tnejn jiffurmaw parti minn dak li jissejjah 'public watchdog' u t-tnejn jipparteċipaw u jikkontribwixxu b'mod kontinwu għad-dibattitu pubbliku fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku u fuq ġrajjiet kurrenti;*

p. *Illi kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat Vassallo, it-tnejn bħala ġurnalisti u bħala kummentaturi, jippubblikaw b'mod kostanti u dan billi filwaqt li r-rikorrent jippubblika fuq is-sit elettroniku bl-isem* www.manueldelia.com *u fuq gazzetti oħra li jiġu kemm ippubblikati kif ukoll mtella' fuq l-online portals tal-gazzetti, l-intimat Vassallo jippubblika fuq gazzetta ppubblikata u fuq l-online portal tal-istess gazzetta;*

q. *Illi kemm il-kitbiet tar-rikorrent kif ukoll tal-intimat Vassallo għandhom il-karattru u l-istil tagħhom ta' kitba li biha jippubblikaw l-opinjoni tagħhom u l-kritika tagħhom lejn l-egħmil jew l-opinjonijiet ta' terzi;*

r. *Illi s-suġġett li dwaru kiteb ir-rikorrent kien fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tiegħu suġġett li dwaru kien hawn dibattitu fil-pubbliku, hekk kif ukoll l-artiklu tal-intimat Vassallo li għalih għamel riferenza r-rikorrent fil-kitba tiegħu wkoll inkiteb dwar suġġett li kien fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tiegħu suġġett ta' dibattitu pubbliku, u in oltre s-suġġett għadu sal-lum wieħed fid-dibattitu pubbliku;*

s. *Illi l-pubblikazzjoni tar-rikorrent tat-28 ta' Ottubru 2019 hija pubblikazzjoni fl-interess pubbliku u li tikkontribwixxi f'dibattitu ta' interess ġenerali;*

t. *Illi tali pubblikazzjoni tkompli toħloq dibattitu ta' interess ġenerali u hija fl-interess pubbliku speċjalment meta tirrispondi għal pubblikazzjoni ta' ġurnalist opinjonist ieħor billi tkompli turi perspettivi differenti fuq suġġett ta' interess pubbliku;*

u. *Illi huwa rikonoxxut mill-Qorti Ewropea li dibattitu dwar il-kawża ta' atti li huma partikolarment gravi, li jirrigwardaw il-funzjoni tad-demokrazija, u kriminalità organizzata għandu jitħalla jseħħ mingħajr tfixkil billi huwa kkunsidrat bħala essenzjali għat-tħaddim tad-demokrazija;*

v. *Illi huwa wkoll rikonoxxut illi persuni li jikkontribwixxu għad-dibattitu pubbliku fil-miftuħ anke permezz ta' pubblikazzjonijiet huma mistennija li jaċċettaw grad ogħla ta' kritika u dibattitu dwarhom u dwar il-kitbiet jew fehmiet li huma jkunu esprimewminn dak mistenni minn persuna privata;*

w. *Illi huwa wkoll rikonoxxut li l-kondotta u l-aġir tal-persuna li tkun ħasset lilha nnifisha malafamata għandhom ukoll jiġu kkunsidrati mill-qrati b'tali mod li persuna li l-aġir tiegħu jkun qegħdu fix-xena pubblika ma jibqgħalux l-istess grad ta' 'legitimate expectation' li jkun protett minn kritika daqs persuna li ma tkunx qegħdet lilha nnifisha fix-xenarju pubbliku;*

x. *Illi di più mhuwiex għall-qrati li jiddeterminaw x'kontenut kellu jinkiteb jew b'liema forma jew b'liema stil kellu jinkiteb u dan billi huwa l-awtur ġurnalist jew opinjonist ippubblikat li jiddetermina l-forma tal-pubblikazzjoni tiegħu;*

y. *Illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma rrispettatx dak il-bilanċ meħtieġ bejn il-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-libertà tal-espressjoni tal-intimat Vassallo speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-Konvenzjoni Ewropea u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea teżiġi li l-iStati Membri jagħtu l-ogħla protezzjoni lil espressjoni politika (political discussion), liema espressjonijiet jistgħu jiġi restritti biss fiċ-ċirkostanzi ċirkoskritti bit-tieni sub-inċiż tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. B'hekk huwa sottomess ukoll illi l-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) ma rrispettatx dak il-bilanċ meħtieġ bejn il-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent u r-reputazzjoni tal-intimat Vassallo;*

*z. Illi l-kunsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tikkozza mal-kriterju ta' proporzjonalità li qorti hija obbligata tirrispetta fejn tkun qegħda tikkunsidra l-espressjoni ta' dikjarazzjonijiet u fehmiet li jikkontribwixxu għal dibatittu fl-interess pubbliku, liema proporzjonalità trid tinżamm irrispettivament jekk ikunx hemm għan leġittimu u irrispettivament mill-metodu ta' raġjonament applikat mill-Qorti;*

*aa. Illi in oltre d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tikkozza mal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ukoll għaliex filwaqt li tirrikonoxxi li r-rikorrent esprima opinjoni tgħaddi sabiex xorta waħda tikkonkludi li għamel insinwazzjoni ta' fatt dwar l-intimat Vassallo u tikkundannah għal dik l-insinwazzjoni ta' fatt;*

*bb. Illi l-opinjoni ppubblikata mir-rikorrent kienet ibbażata fuq l-interpretazzjoni tiegħu ta' dak li kien esprima b'mod pubbliku l-intimat Vassallo u r-rikorrent indika b'mod ċar fl-artiklu tiegħu li din hija l-analiżi u l-opinjoni tiegħu, iżda minkejja dan id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tqiegħed fuqu biċċa xogħol impossibbli u irraġjonevoli għaliex huwa kien pretiż li ma jesprimi l-ebda opinjoni li setgħet b'xi mod tinsinwa u ddejjaq lill-intimat Vassallo għaliex tagħti evalwazzjoni jew kritika tal-opinjoni tiegħu u għaliex ra l-opinjoni ta' Vassallo mill-perspettiva ta' kummissjoni ta' assassinju li għandu xejra mafjuża;*

*cc. Illi meta seħħ hekk il-Qorti naqset milli tikkunsidra li l-opinjoni tar-rikorrent kienet suffiċjentement mibnija fuq bażi fattwali u cioé fuq l-opinjoni ppubblikata mill-intimat Vassallo stess;*

*dd. Illi qari sħiħ tal-artiklu tar-rikorrent, hekk kif mitlub li jsir mill-Qorti Ewropea, jindika b'mod ġar li l-ebda stqarrija li saret mir-rikkorent ma turi 'bad faith' da parti tiegħu, li l-opinjoni tiegħu ma hijiex qarrieqa u saħansitra jindika b'mod ċar li l-intimat Vassallo forsi lanqas kien intebaħ li l-opinjoni tiegħu twassal għal dik it-tifsira li r-rikorrent kien qiegħed jagħtiha;*

ee. *Illi d-deċiżjoni in kwistjoni tikkozza wkoll mal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni billi ma hemm l-ebda 'pressing social need' li seta' jiġġustifikha;*

ff. *Illi in oltre d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) twassal għal chilling effect li jmur kontra l-libertà tal-espressjoni f'soċjetà demokratika u dan inter alia billi d-deċiżjoni tagħżel li tittimbra bħala malafamanti opinjoni fuq suġġett ta' interess pubbliku fil-konfront ta' opinjoni oħra, kif ukoll billi allokat lir-rikorrent ir-responsabbilità li jħallas spejjeż u danni li huma irraġjonevoli fic-ċirkostanzi u li jġibu effetti ta' piz finanzjarju irraġjonevoli fuq ir-rikorrent; u għalhekk id-deċiżjoni hija ta' deterrent kemm għar-rikorrent kif ukoll għal ġurnalisti oħra lokali u barranin illi jannaliżżaw u jippubblikaw l-opinjonijiet tagħħom dwar ġrajjiet kurrenti fil-pajjiż, għaliex inissel biża li l-kitbiet tagħhom se jwasslu għall-istess konsegwenzi bi ħsara għar-reputazzjoni tagħhom u bl-effetti ekonomiċi li jista' jkun hemm u li jistgħu jaffettwaw t-tkomplija o meno tal-karriera tagħhom bħala ġurnalisti u opinjonisti.*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

    i. *Tiddikjara li bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Gunju 2022 ġie leż id-dritt tar-rikorrent għal-libertà tal-espressjoni kif protett fl-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artiklu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

    ii. *Konsegwentement tgħaddi sabiex tagħti dawk ir-rimedji xierqa li jidhrilha opportuni* ***fosthom*** *li tiddikjara d-deċiżjoni msemmija tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bħala nulla u bla effett, u tillikwida fil-konfront tar-rikorrent danni pekunarji u morali għal tali vjolazzjoni.*

    iii. *Tikkundanna lill-Avukat tal-iStat sabiex iħallas id-danni hekk likwidati.*

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

4. B'digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu 2022, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ħamis, sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022;

5. Permezz ta' risposta datata dsatax (19) ta' Settembru 2022, l-**<u>Avukat tal-Istat</u>** eċċepixxa:

   a. *Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni odjerna hija intempestiva peress li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju a disposizzjoni tiegħu fejn seta' jintavola proċeduri ta' ritrattazzjoni u għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   b. *Illi l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, emanenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tal-10 ta' Ġunju 2022, u l-pretensjonijiet tal-istess huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

   c. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jibda billi jgħid li r-rikorrent ma jistax jinqeda b'din il-proċedura speċjali biex din l-Onorrabli Qorti taġġixxi bħala qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) jew biex tikkanċella kawżi li saru res judicata, kif qed jippretendi r-rikorrent, għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u jitfa fid-dubju ċ-ċertezza legali ta' sentenza finali. Kif spiss jingħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, kawża kostituzzjonali jew konvenzjonali ma tistax tintuża bħala appell tat-tielet grad;*

d. *Illi bla ħsara għall-premess, kemm **l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni** jipprovdu illi d-dritt għal-libertà ta' espressjoni mhuwiex dritt assolut, tant li jippermettu eċċezzjonijiet għal dan id-dritt bil-għan, fost affarijiet oħra, li tiġi protetta r-reputazzjoni jew jiġu protetti d-drittijiet ta' ħaddieħor;*

e. *Illi, l-esponent jikkontendi li s-sentenza suċitata ma kkawżat ebda ksur **tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea** u tal-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni**. Huwa ben evidenti illi l-istess Qorti ikkunsidrat sew u b'mod akkurat il-fattispeċie tal-kawża quddiemha, u għarfet sew id-dmir tagħha illi tibbilanċja d-dritt tal-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent mad-dritt għall-protezzjoni tar-reputazzjoni u drittijiet tal-konvenut Vassallo;*

f. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

6. Waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022, l-intimat **<u>Raphael Vassallo</u>** iddikjara illi huwa kien qiegħed jaderixxi mar-risposta intavolata mill-Avukat tal-Istat.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Emanuel Delia datat tnejn (2) t'Awwissu 2022, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) artikolu ppublikat fis-7 ta' Frar 2019 mill-intimat Vassallo (**Dok ED1** a fol 11 *et seq* tal-proċess); (b) artikolu ppublikat fit-28 t'Ottubru 2019 mir-rikorrent Delia (**Dok ED2** a fol tal-proċess); (c) deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Novembru 2021 fl-ismijiet *Raphael Vassallo vs Emanuel Delia* (Rik Nru 257/2019 RM) (**Dok ED3** a fol tal-proċess); u (d) deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2022 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet *Raphael Vassallo vs Emanuel Delia* (Rik Nru 257/2019 LM) (**Dok ED4** a fol tal-proċess);

8. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat datata dsatax (19) ta' Settembru 2022;

9. Rat illi, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022, l-intimat Raphael Vassallo aderixxa mar-risposta intavolata mill-Avukat tal-Istat;

10. Rat id-digriet tagħha mogħti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022 illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-allegazzjoni tal-proċess bl-ismijiet *Raphael Vassallo vs Emanuel Delia* u li fl-istadju tal-Appell ġie deċiż mill-Imħallef Lawrence Mintoff (Rik Nru 257/2019/1), kif ukoll il-proċess fl-istess ismijiet deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Rik Nru 257/2019) mill-Maġistrat Rachel Montebello;

11. Rat l-affidavit tar-rikorrent a fol 65 *et seq* tal-proċess u d-dokumenti annessi miegħu;

12. Rat il-proċessi tal-proċeduri fl-ismijiet *Raphael Vassallo vs Emanuel Delia* kemm fil-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kif allegati;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-intimat **Raphael Vassallo** waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023[1];

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Emanuel Delia** prodott mill-Avukat tal-Istat in kontro-eżami, waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu 2023[2];

15. Rat iż-żewġ artikoli esebiti mill-Avukat tal-Istat immarkati **Dok AS1** u **Dok AS2** a fol 387 *et seq* u 393 *et seq* tal-proċess rispettivament;

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat datata sebgħa u għoxrin (27) t'April 2023 a fol 399 *et seq* tal-proċess;

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, datata ħamsa (5) ta' Mejju 2023 a fol 421 *et seq* tal-proċess;

---

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 378 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 383 *et seq* tal-proċess

18. Rat illi l-intimat Raphael Vassallo naqas milli jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu konċess;

19. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

20. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

*Fatti Saljenti illi jifformaw l-iSfond tal-Kawża Odjerna*

21. Ikun utli, fl-ewwel lok, illi din il-Qorti tibda billi tiċċara l-isfond illi fih ġiet intavolata l-kawża odjerna;

22. Il-vertenzi illi wasslu għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) mertu tal-proċeduri odjerni bdew b'artikolu illi l-intimat Raphael Vassallo ppubblika fuq il-portal *www.maltatdoday.com.mt* fi Frar 2019. Fih, *inter alia*, huwa tkellem dwar l-istat tal-liberta t'espressjoni f'Malta, u fost argumenti oħra kiteb, *"Press any of those people to come up with examples of 'State censorship' in Malta, and they will cite the ongoing libel proceedings against Daphne Caruana Galizia (and now her heirs) by Joseph Muscat over the Egrant allegations. (Note: Some of the more unreasonable ones might even point towards her murder itself ... for all the world as if the bomb had been planted in her car directly by the State, instead of by three well-known criminals, with foreign contacts, who are now facing murder charges in court.)"*[3] Sussegwentement, ir-rikorrent Emanuel Delia ppubblika artikolu fuq l-*online blog* tiegħu *www.manueldelia.com*, illi fih huwa għamel referenza għall-artikolu illi kien inkiteb minn Vassallo, u wara analiżi tal-Artikolu 416 bis illi jifforma parti mill-Kodiċi Penali Taljana, kiteb, *"This is where Raphael Vassallo comes in. Unwittingly, or perhaps because he is a part of the mafia conspiracy that killed Daphne Caruana Galizia, he*

[3] Vide **Dok ED1** anness mar-rikors promotur, a fol 11 *et seq* tal-proċess (Dan il-bran jinsab a fol 13).

*perpetrates the myth that arresting and punishing the triggermen resolves the crime. That is how he (and others) cover up for the mafia, thereby being part of it."* u *"The Mafiosi are far too powerful. Their ability to intimidate and ensure compliance or silence reaches poiticians and policemen and judges. And even journalists who help propogate the oxygen that keeps the mafia alive: the broadly accepted lie that the mafia does not exist. And that Daphne was killed by "three known criminals with foreign contacts"*.[4];

23. Vassallo ħassu aggravat b'dak illi kiteb fil-konfront tiegħu Delia, u intavola proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illi permezz tagħhom sostna illi Delia kien immalafamah, kif previsat fl-Artikolu 3 *et seq* tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tikkundanna lil Delia jħallsu dik is-somma li tiġi likwidata mill-istess Qorti ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), f'sentenza mogħtija nhar l-ewwel (1) ta' Novembru 2021[5], iddeċidiet kontra Vassallo u favur Delia, u dana billi ddikjarat, *inter alia*, is-segwenti:

> *Iżda, kuntrarjament għal dak li jsostni l-attur, il-Qorti ma taqbilx – u minn qari oġġettiv u komplut tal-artikolu bl-ebda mod ma jinftiehem – li din il-kritika twassal jew tagħmel insinwazzjoni li l-attur jifforma materjalment parti mill-mafia jew l-organizzazzjoni kriminali li fil-fehma tal-konvenut, hija effettivament responsabbli għall-qtil tal-ġurnalista. Lanqas timplika, raġjonevolment, illi l-konvenut qiegħed jakkuża lill-attur li attwalment wettaq reat kriminali jew huwa kompliċi fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.*

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż;

---

[4] Vide **Dok ED2** anness mar-rikors promotur, a fol 18 *et seq* tal-proċess (Il-brani ċitati jinsabu a fol 23 u 25 rispettivament)
[5] Vide **Dok ED3** anness mar-rikors promotur, a fol 28 *et seq* tal-proċess

24. Vassallo appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u sostna illi *"l-ewwel Qorti [...] ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u għamlet valutazzjoni, fattwali u legali, għal kollox errata tagħhom u wkoll wettqet apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll mlament interpretat ċertu aspetti ġuridiċi tal-vertenza."* B'sentenza mogħtija nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju 2022[6], il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) laqgħet l-appell ta' Vassallo, ħassret is-sentenza appellata, u filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' Delia, illikwidat danni morali fis-somma ta' elf Ewro (€1,000) dovuti lil Vassallo mingħand Delia.

*<u>Il-Proċeduri Odjerni</u>*

25. Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ir-rikorrent intavola l-kawża odjerna, illi permezz tagħha qiegħed isostni illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) llediet id-dritt tar-rikorrent għal-liberta' tal-espressjoni kif protett fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Kien hemm interferenza fid-dritt tar-rikorrent għall-espressjoni ħielsa tiegħu. Infatti jsostni illi l-ispiża talli huwa esprima ruħu u kkontribwixxa għal dibattitu fl-interess pubbliiku telgħet għal 15.8% tad-dħul tiegħu annwali, konsistenti fil-multa li weħel u l-ispejjeż tal-kawżi;

b. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ma kinitx ġustifikata għaliex ma kinitx meħtieġa f'soċjeta' demokratika, mhux raġjonevoli, u ma tipproteġi l-ebda *'pressing social need'*. Għall-kuntrarju, din is-sentenza tippenalizza u tiskorraġġixxi lil min qiegħed jikkritika lil min ipprova jikkonvinċi lill-poplu li l-Mafia ma teżistix f'pajjiżna;

[6] Vide **Dok ED4** anness mar-rikors promotur, a fol 38 *et seq* tal-proċess

c. Il-fatt waħdu li kritika ddejjaq lill-Gvern, membri tiegħu jew sezzjoni mill-popolazzjoni mhix raġuni biżżejjed sabiex tiġġustifika l-interferenza fid-dritt għall-espressjoni ħielsa tar-rikorrent;

d. L-espressjoni politika bħalma hi dik tar-rikorrent tattira l-ogħla protezzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk il-*margin of appreciation* li jgawdi l-Istat sabiex jiġġustifika l-indħil fid-dritt tar-rikorrent hija aktar ristretta;

e. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hija forma ta' ċensura lleġittima, li mhix f'lokha f'pajjiż demokratiku, u għalhekk tikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jesprimi ruħu b'mod ħieles, stante li tikkrea fih biża' li jekk jerġa' jagħmel kritika tali huwa se jerġa' jiġi ppenalizzat, ħaġa li ma jistax jaffordja;

f. Il-Qorti tal-Appell ma żammitx il-bilanċ rikjest bejn l-interess tal-intimat Vassallo għall-protezzjoni tar-reputazzjoni tiegħu u d-dritt tar-rikorrent illi jesprimi ruħu b'mod ħieles;

g. Il-Qorti tal-Appell kellha tikkonsidra jekk kienx hemm mezzi inqas drastiċi kif l-intimat Vassallo seta' pproteġa d-drittijiet tiegħu (bħal *right of reply*) qabel ma għażlet illi timponi sanzjoni pekunjarja fuq ir-rikorrent;

h. Illi mhux għall-Qrati li jiddeterminaw x'kontenut kellu jinkiteb jew b'liema forma jew b'liema stil kellu jikiteb, u dan billi l-awtur ġurnalist jew opinjonist ippubblikat huwa dak illi għandu jiddetermina l-forma tal-pubblikazzjoni tiegħu;

i. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tikkozza mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni wkoll għaliex filwaqt illi tirrikonoxxi illi r-rikorrent esprima opinjoni, tgħaddi sabiex xorta waħda tikkonkludi illi għamel insinwazzjoni ta' fatt dwar l-intimat Vassallo, u tikkundannah għal dik l-insinwazzjoni ta' fatt. Il-Qorti tal-Appell qiegħdet fuq ir-rikorrent biċċa xogħol impossibbli u irraġjonevoli għaliex huwa kien pretiż li ma jesprimi l-ebda opinjoni li setgħet b'xi mod tinsinwa u

ddejjaq lill-intimat Vassallo. Il-Qorti għalhekk naqset milli tikkunsidra li l-opinjoni tar-rikorrent kienet sufficjentement mibnija fuq bażi fattwali u cioe fuq l-opinjoni pubblikata mill-intimat Vassallo stess;

j. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell twassal għal *chilling effect* li jmur kontra l-liberta' tal-espressjoni f'soċjeta' demokratika, u dan *inter alia* billi d-deċiżjoni tagħżel li tittimbra bħala malafamanti opinjoni fuq suġġett ta' interess pubbliku fil-konfront ta' opinjoni oħra, kif ukoll billi allokat lir-rikorrent ir-responsabbilita' li jħallas spejjeż u danni li huma irraġjonevoli fiċ-ċirkostanzi u li jġibu effetti ta' piż finanzjarju irraġjonevoli fuq ir-rikorrent. Għalhekk id-deċiżjoni hija ta' deterrent kemm għar-rikorrent kif ukoll għall-ġurnalisti oħra lokali u barranin illi janalizzaw u jippubblikaw l-opinjonijiet tagħhom dwar ġrajjiet kurrenti fil-pajjiż, għaliex inissel biża' li l-kitbiet tagħhom se jwasslu għall-istess konsegwenzi bi ħsara għar-reputazzjoni tagħhom u bl-effetti ekonomiċi li jista' jkun hemm;

26. Fost l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat, huwa jeċċepixxi illi r-rikorrent ma jistax jinqeda b'din il-proċedura speċjali sabiex din il-Qorti taġixxi bħala Qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jew biex tikkanċella kawżi li saru *res judicata*;

27. Ir-rikorrent, filwaqt illi jsostni diversi drabi, *"Illi l-proċeduri odjerni ma humiex qegħdin jiġu ppreżentati bħala xi forma ta' appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)"*[7], jissottometti wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu illi ma hemm ebda limiti għall-poteri tal-Qrati ta' indoli Kostituzzjonali, kif inhu maħsub fl-Artikolu 4 tal-Kap 319 u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

28. Hija din l-eċċezzjoni illi din il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tiġi primarjament ikkunsidrata.

[7] Vide premessa nru 13 tar-rikors promotur

_*Eċċezzjoni dwar jekk din il-Qorti hix qed tiġi mitluba taġixxi bħala Qorti ta' Reviżjoni*_

29. Wara li fliet bir-reqqa s-sottomissjonijiet tar-rikorrent, din il-Qorti ma ħadet l-ebda impressjoni għajr illi r-rikorrent ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), u għalhekk intavola l-kawża odjerna;

30. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Nazzareno Muscat vs Avukat Ġenerali et***[8]:

> [...] *Ir-rikorrenti jistgħu ma jaqblux* [mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell]*, pero', mhux il-kompitu ta' din il-Qorti tirrevedi l-interpretazzjoni u l-apprezzament li qorti tal-fatt tkun għamlet.*
>
> *Mhux ir-rwol tal-Qrati b'kompetenza speċjali li jeżaminaw il-fatti li wasslu lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja tiddeċiedi favur naħa jew oħra, għax altrimenti tkun qed taġixxi bħala Qorti tat-tielet jew raba' istanza. Mhux funzjoni tal-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" tagħha, u ta' din il-Qorti li jirrevedu allegati żbalji ta' xi Qorti oħra. Din il-Qorti għandha l-kompitu li teżamina u tiddeċiedi jekk <u>proċeduri</u> li żvolġew quddiem Qorti oħra segħux jivvjolaw xi dritt fundamentali.*

31. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Sammut vs Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u l-Gvern Lokali et***[9], il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:

> *29. Il-Qorti tibda billi tfakkar illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'humiex qrati tat-tielet jew raba' istanza*

[8] Appell Ċivili Nru 59/2008/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2010
[9] Rik Nru 50/2017/1, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021

*u għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, u lanqas ma kien il-kompitu tal-ewwel Qorti, illi tiddetermina jekk is-sentenza mogħtija fil-proċeduri kostituzzjonali oriġinarjament intavolati mill-appellant hijiex korretta fis-sustanza tagħha kif donnu jippretendi l-appellant.*

32. L-istess prinċipju huwa abbraċċjat ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-***Practical Guide on Admissibility Criteria*** pubblikat mill-Qorti Ewropea[10] jgħid:

> *348. One particular category of complaints submitted to the Court comprises what are commonly referred to as "fourth-instance" complaints. This term - which does not feature in the text of the Convention and has become established through the case-law of the Convention institutions (**Kemmache v. France (no. 3)**, 1994, § 44) - is somewhat paradoxical, as it places the emphasis on what the Court is not: it is not a court of appeal or a court which can quash rulings given by the courts in the States Parties to the Convention or retry cases heard by them, nor can it re-examine cases in the same way as a Supreme Court. Fourth-instance applications therefore stem from a misapprehension on the part of the applicants as to the Court's role and the nature of the judicial machinery established by the Convention.*
>
> *[...]*
>
> *350. Accordingly, the Court's powers are limited to verifying the Contracting States' compliance with the human rights engagements they undertook in acceding to the Convention (and the Protocols thereto).*

[10] Council of Europea, *Practical Guide on Admissibility Criteria* <https://www.echr.coe.int/documents/d/echr/admissibility_guide_eng> Updated on 28 February 2023

*Furthermore, in the absence of powers to intervene directly in the legal systems of the Contracting States, the Court must respect the autonomy of those legal systems. That means that it is not its task to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as such errors may have infringed rights and freedoms protected by the Convention. It may not itself assess the facts which have led a national court to adopt one decision rather than another. If it were otherwise, the Court would be acting as a court of third or fourth instance, which would be to disregard the limits imposed on its action (**García Ruiz v. Spain** [GC], 1999, § 28; **De Tommaso v. Italy** [GC], 2017, § 170).*

*351. In the light of the above considerations, the Court may not, as a general rule, question the findings and conclusions of the domestic courts as regards:*

- *the establishment of the facts of the case;*
- *the interpretation and application of domestic law;*
- *the admissibility and assessment of evidence at the trial;*
- *the substantive fairness of the outcome of a civil dispute;*
- *the guilt or innocence of the accused in criminal proceedings.*

*352. The only circumstance in which the Court may, as an exception to this rule, question the findings and conclusions in question is where the latter are flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself*

*to a violation of the Convention (**De Tommaso v. Italy** [GC], 2017, § 170; **Kononov v. Latvia** [GC], § 189).*

33. Dwar l-istess prinċipju, jirritjenu wkoll **Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention on Human Rights***:

> *The Court, and formerly the Commission, has made it clear that it does not constitute a further court of appeal, ie a fourth instance ('quatrième instance'), from the decisions of national courts applying national law. In the words of the Court, 'it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and insofar as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention'* [*Garcia Ruiz v Spain* 1999-I; 31 EHRR 589 para 28]. *An application that merely claims without more that a national court has made an error of fact or law will be declared inadmissible ratione materiae.* [See, eg. *X v FRG No 2524/57,* 1 YB 150 at 152 (1957)] *[...] However, where the Court is called upon to determine the facts of a case in order to apply a Convention guarantee (eg whether there as inhuman treatment contrary to Article 3), it is not bound by the finding of facts at the national level* [See eg, *Ribitsch v. Austria* A 336 (1995); 21 EHRR 573]. *Where an application alleges that national law violates the Convention, the Strasbourg authorities will not in principle question the interpretation of that law by the national courts* [*X and Y v. Netherlands* A 91 (1985); 8 EHHR 235 para 29]. *However, it may do so where the interpretation by the national court is 'arbitrary'* [See eg *Van Kuck v Germany* 2003-VII; 37 EHRR 973. See also *Von Hannover v Germany* 004-VI; 43 EHRR 139], *or where it is part of a Convention requirement that national law be complied with (eg that an arrest is 'lawful': Article*

> *5(1))* [See eg *Lukanov v Bulgaria* 1997-II; 24 EHRR 121]. *Even so, it is very exceptional for the Court to disagree with any decision by a national court on its interpretation and application of its own national law* [*Winterwerp v Netherlands* A 33 (1979); 2 EHRR 387 para 46].[11]

34. Dan il-prinċipju jagħmel aktar u aktar sens meta jiġi kkonsidrat fil-prinċipju ta' *legal certainty*, illi l-Qorti Ewropea tiddiskrivih kif isegwi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Agrokompleks v. Ukraine***[12]:

> *1. The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination. A departure from that principle is justified only when made necessary by circumstances of a substantial and compelling character (see Ryabykh v. Russia, no. 52854/99, § 52, ECHR 2003-IX).*

35. Applikati l-prinċipji suċitati għall-każ odjern, din il-Qorti tqis illi filwaqt illi huwa minnu illi s-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrent huma magħmula fid-dawl tal-elementi illi jikkostitwixxu leżjoni o meno tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dak illi effettivament qiegħed jitlob ir-rikorrent minn din il-Qorti jirrikjedi eżami mill-ġdid tal-provi dwar il-każ miġjub minn Vassallo quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja fil-konfront tar-rikorrent. Dan b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt illi, sabiex tasal għal dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent minn din il-Qorti, il-Qorti jkollha, *inter*

[11] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford, 2nd Edn, 2009) p. 14-15
[12] Appl Nr 23465/03, ECHR (5th Section) 6 t'Ottubru 2011

*alia*, (a) tinterpreta mill-ġdid dak illi kiteb ir-rikorrent fl-artikolu tiegħu, fid-dawl ta' dak illi kiteb Vassallo fl-artikolu tiegħu u tar-retroxena illi fiha nkitbu ż-żewġ artikoli, b'dana illi għalhekk tkun qed tagħmel interpretazzjoni ġdida tal-provi, kif ukoll (b) tinterpreta mill-ġdid id-disposizzjonijiet tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkritika l-applikazzjoni tal-istess disposizzjonijiet għall-fatti tal-każ odjern mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Difatti, saħansitra l-affidavit tar-rikorrent stess (a fol 65 *et seq* tal-proċess) jixhed dan il-fatt: fih, ir-rikorrent jiddefendi b'mod fattwali l-artikolu tiegħu u l-opinjonijiet espressi fl-istess artikolu, bl-istess mod illi huwa kien jiddefendi l-posizzjoni tiegħu li kieku kien quddiem Qorti tal-Appell jew Qorti ta' Reviżjoni. Peress illi, hekk kif ġia ġie ritenut aktar 'il fuq, mhux il-kompitu tal-Qorti illi terġa' tisma' jew terġa' tevalwa l-provi dwar l-allegazzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), din il-Qorti ma tqisx illi hija għandha takkolji t-talbiet rikorrenti miġjuba fil-każ odjern;

36. Din il-Qorti rat illi ma ġie fl-ebda punt kontestat illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet analiżi dettaljata tal-liġijiet nostrana u tal-prinċipji ġurisprudenzjali qabel waslet għad-deċiżjoni tagħha. Mill-banda l-oħra, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell tat ukoll deċiżjoni illi kienet motivata, fejn spjegat b'mod ċar u skjett ir-raġunijiet illi għalihom kienet qed tiddipartixxi mis-sentenza tal-Prim'Istanza. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax illi hemm lok illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tista' tiġi kkonsidrata bħala waħda illi ngħatat b'mod arbitrarju, mhux ġustifikat jew irraġjonevoli;

37. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tipproċedi u tiddisponi mill-każ odjern billi **tilqa'** t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat, u **tiċħad** it-talbiet rikorrenti għar-raġunijiet espressi f'din id-deċiżjoni.

**Decide**

38. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa'</u>** t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat;

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-Avukat tal-Istat; u

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**